MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2004

Numru 5/2001

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Fabian Galea u Michael Zahra**

**Il-Qorti**,

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-2 ta' April 2001 kontra l-imsemmijin Fabian Galea u Michael Zahra li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzahom (1) li kkultivaw il-pjanta cannabis bi ksur tal-ligi u (2) li saru recidivi peress li kienu nstabu precedentement hatja ta' delitti, inkluzi delitti taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, skond sentenzi ta' l-1

ta' Settembru 1992, 29 ta' Settembru 1997 u 17 ta' Frar 1999, u 10 ta' Mejju 1985, 10 ta' Lulju 1986, 22 ta' Awissu 1990, 24 ta' Ottubru 1995, u 15 ta' Novembru 1993 rispettivament; lil Fabian Galea wahdu akkuzah (1) li zamm jew garr xi sikkina li jkollha xafra li tinfetah awtomatikament bi pressjoni tal-id applikata fuq buttuna, molla jew mekkanizmu iehor fil-manku jew imwahhal mal-manku tas-sikkina, kultant maghrufa bhala flick knife jew flick gun, jew xi sikkina li jkollha xafra li tohrog mill-manku jew mill-ghant taghha bil-forza ta' gravita` jew bl-applikazzjoni ta' forza centrifugali u li, meta tigi mahruga, tinghalaq fil-post permezz ta' buttuna, molla, lieva jew mekkanizmu iehor, kultant maghrufa bhala gravity knife, u (2) li sar recidiv peress li kien instab precedentement hati ta' delitti, inkluz delitti u reati taht l-Ordinanza dwar l-Armi, skond sentenzi ta' l-1 ta' Settembru 1992, 29 ta' Settembru 1997 u 17 ta' Frar 1999;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-17 ta' Frar 2003 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta’ l-imsemmijin Fabian Galea u Michael Zahra debitament registrata u li fiha l-istess akkuzati ippersistew anke wara li gew debitament imwissija minn dik il-Qorti skond l-Artikolu 453 tal-Kodici Kriminali, iddikjarathom hatja skond iz-zewg kapi tal-imsemmi Att ta’ Akkuza u kkundannat lil Michael Zahra ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien disa' snin, b'dan li minn dan il-perijodu ghandu jitnaqqas kull zmien li huwa dam taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, u multa ta' ghaxart elef liri (Lm10,000) konvertibbli f'sitt xhur prigunerija ohra jekk ma jithallsux minnufih u ordnat li l-istess Michael Zahra jerga' jintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex din tittratta mieghu ghal ksur tas-sentenza sospiza tal-15 ta' Novembru 1993, liema sentenza sospiza kienet imbagad estiza ghal sentejn ohra b'sentenza ohra taghha tal-15 ta' Dicembru 1997, u lil Fabian Galea ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien disa' snin u sitt xhur, b'dan li minn dan il-perijodu ghandu jitnaqqas kull zmien li huwa dam taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, u multa ta' ghaxart elef liri (Lm10,000) konvertibbli f'sitt xhur prigunerija ohra jekk ma jithallsux minnufih. L-ewwel Qorti kkundannat wkoll lill-

imsemmijin Fabian Galea u Michael Zahra jhallsu kull wiehed l-ammont ta' mija u hamsa u tletin liri u sittax-il centezmu (Lm135.16) rapprezentanti n-nofs tat-total ta' l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process. Ordnat ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti u l-oggetti kollha uzati biex tinhazen jew tinzamm, tinbiegh jew tigi traffikata d-droga msemmija u ta' kull flejjes jew proprjeta`, mobbli u immobbli ohra taz-zewg persuni misjuba hatja favur il-Gvern ta' Malta. Fl-ahharnett ordnat id-distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti li jikkonsistu f'medicini perikoluzi jew oggetti relatati ma' l-abbuz tad-droga mill-ispizjar Mario Mifsud taht is-supervizjoni diretta tad-Deputat Registratur ta' dik il-Qorti li kellu jirrapporta lil dik il-Qorti bil-miktub meta din id-distruzzjoni tkun saret. Dan kollu wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat hekk:

" Qieset il-verbal tad-difiza tal-lum stess fejn talbu preliminarjament lil din il-Qorti tiddikjara w tiddeciedi li l-Artikolu 492(1) introdott bl-Att III tal-2002 mhuwiex applikabbli ghal dan il-kaz u dana invista ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 27 tal-Kap 9 u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Qieset id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni tal-lum stess fejn, invista tad-diffikulta’ li nqalghet f’dak l-istadju u minghajr pregudizzju ghall-fehma taghha in materja, iddikjarat li ghal dan il-kaz partikolari taqbel li l-parametri tal-piena applikabbli jkunu dawk stabiliti taht l-Artikolu 22(2)(a)(i) u l-proviso (aa) u (bb) tal-istess u li ma ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni l-emenda introdotta bl-Artikolu 492(1) tal-Kodici Kriminali, li giet introdotta wara li gew kommessi l-allegati reati.

Qieset ukoll li d-difiza ddikjarat li kienet sodisfatta b’din id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni.

Qieset ukoll ghal fini tal-piena li z-zewg hatja ghandhom it-tnejn kondotta mill-aktar refrattarja w diga’ diversi drabi nghataw opportunita’ li jirriformaw ruhom mill-Qrati.

Fil-fatt il-hati Fabian Galea gja gie misjub hati mhux inqas minn erba’ darbiet ta’ reati serji u senjatament:

1) talli fid-29/8/1991 f'dawn il-Gzejjer kellhu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew parti minnha u gie kkundannat ghal multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) u l-ispejjes tal-Qorti;
2) talli fid-9/11/1992 u matul l-ahhar granet qabel kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, kellu fil-pussess tieghu sikkina minghajr licenzja tal-Pulizija, fil-hin li kien qed jigi arrestat ghall-ghemil ta' delitt; kellu fuq il-persuna tieghu arma li taqta' w talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1/9/1992, u gie kkundannat ghal erba' xhur prigunerija sospizi ghal erba' snin u sabiex ihallas l-ispejjes tal-Qorti;
3) talli fis-sitt xhur ta' qabel is-6/4/1994 kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi, u fil-5/4/1997 u xhur qabel, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis, u talli kiser il-provvediment tal-Art. 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi kkometta reati li ghalihom hemm pieni ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-12/7/1993 u talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1/9/1991 u gie kkundannat ghal multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500) u erba xhur prigunerija ghar-rigward tas-sentenza sospiza fuq imsemmija;
4) talli fit-13/10/1995 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew parti minnha, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, biegh jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta Cannabis kollha, talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1/9/1992 barra minn dan ikkommetta reati waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-12/7/1993 u gie kkundannat tnax (12) il-xahar prigunerija w multa ta' tlett mitt lira Maltin (LM300);

u dana apparti reati ohra minuri.

Il-hati Michael Zahra gie misjub hati mhux inqas minn hdax il-darba u senjatament:

1) talli f'dawn il-Gzejjer b'eghmil zini ikkorrompa tfajla minorenni u kkommetta atti kontra d-dicenza w l-morali f'post pubbliku jew f'post espost ghal pubbliku w gie lliberat b'kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn;
2) talli fl-10/4/1984 ikkommetta serq ta' tnax il-fenek li l-valur jeccedi l-LM10 u liema serq kien aggravat bi vjolenza w gie mghoti l-liberta' kondizzjonata;
3) talli f'Gunju 1984 kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata (rohypnol) minghajr ma kien awtorizzat mill-ligi u gie kkundannat ghal multa ta' tmenin lira Maltin (LM80);
4) talli fl-1/8/1985 kellu fil-pussess tieghu medicinali specifikati u psychotropici w fit-18 t'Ottubru 1985 kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis u r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, u sar recediv b'reat simili f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u gie kkundannat ghal multa ta' mitt lira Maltin (LM100);
5) talli matul l-ahhar xhur qabel il-25/6/1990 kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi u gie kkundannat ghal multa ta' mitt lira Maltin (LM100);
6) talli fis-7/5/1989 nstab li kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina minghajr ma kien awtorizzat mill-ligi u aktar sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fl-10/5/1985 u fl-10/7/1986 u gie mpoggi taht Probation ghal tlett snin;
7) talli fl-20/9/1990 kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew parti minnha kif ukoll kellu fil-pussess tieghu drogi specifici w psikotropici minghajr awtorizzazzjoni skond il-ligi w talli huwa gie meqjus recediv wara li gie kkundannat ghar-reati b'sentenzi tal-10/5/1985, 10/7/1986 u tat-22/8/1990 u gie mqieghed taht Probation ghal tlett snin kif ukoll ordnat ihallas l-ispejjes tal-Qorti;
8) talli fis-6/11/1990 f'Hal-Qormi kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew ipprokura d-droga Eroina lil persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi, sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-22/8/1990 u rega' ghat-tielet darba gie mpoggi taht Probation ghal tlett snin (3);

9) talli f'Hal-Qormi fis-27/1/1989 bil-hsieb li jikkommetti serq mill-ufficju tal-Lottu Pubbliku wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, liema serq kien kwalifikat bil-vjolenza, ammont u hin, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi w sar recediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tal-10/4/1984, 10/5/1985 u 10/7/1986 u gie kkundannat ghal tmintax il-xahar (18) prigunerija w biex jhallas l-ispejjes tal-Qorti, liema sentenza jidher mill-fedina penali tal-istess hati giet sospiza ghal tlett snin mill-Qorti tal-Appell;
10) talli fl-14/6/1990 kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga Eroina lil persuna/i minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi, kellu fil-pussess tieghu w garr fuqu arma (mus) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija w gie kkundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin u mitejn u sebghin lira multa;
11) talli fl-20/5/1996 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu; talli kiser il-provvedimenti tal-Art. 5 tal-Kap 152 b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tas-27/5/1993 u sar recediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tal-10/7/1986 u 28/8/1990 u barra minn dan ikkommetta reati simili li ghalihom hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv b'sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-15/11/1993 u fl-24/10/1995 mill-Qorti tal-Appell, u gie kkundannat ghal tlett mitt lira Maltin (LM300) multa b'dana li s-sentenza sospiza giet estiza ghal sentejn ohra;

u dana apparti li gie misjub hati tar-reati minuri ohra.

Qieset l-insenjament ta' dawn il-Qrati, u ta' Qrati barranin meta jkun hemm ammissjoni bikrija kif hemm f'dan il-kaz, it-tip ta' droga (Cannabis) li l-hatja kienu qed jikkoltivaw, kif ukoll l-kwantita' konsistenti f'dsatax il-xitla li jgibu xi 67.7 grammi ta' l-istess, u t-taghmir jew materjal adoperat

mill-hatja fil-kors ta’ din il-koltivazzjoni li mill-inqas damet ghaddejja ghal perjodu ta’ madwar erba xhur kif ukoll li l-hatja stqarrew a tempo vergine li dina d-droga kienet intiza ghal konsum taghhom personali;  il-fatt li kif xehed Fr. Hilary Tagliaferro l-hati Michael Zahra kien ghamel progress kbir fil-fatma tieghu mill-vizju tad-droga w li l-hati l-iehor Galea kien ukoll maghruf ma’ l-istess xhud bhala li xi darba kien dipendenti mid-droga, kif  ukoll li l-hatja ghamlu xi zmien arrestati preventivament.

Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni illi m’ghandhomx isiru paraguni mal-piena applikata f’kazijiet ohrajn fejn il-fattispeci w cirkostanzi ma jkunux simili w li r-reat tal-pussess, traffikar jew koltivazzjoni ta’ Cannabis huwa imputabbli w kastigat bl-istess mod f’ghajnejn il-ligi bhal fil-kaz ta’ drogi ohrajn bhal eroina u kokaina; illi f’dan il-kaz kien hemm mill-inqas zewg persuni involuti w fuq kollox li z-zewg hatja kienu recidivi ghal aktar minn darba w li ma kienx applikabbli ghal kaz taghhom l-Artikolu 29 tal-Kap 101.

Qieset ukoll illi l-hati Zahra kien inghata sentenza sospiza fil-15 ta’ Novembru 1993 ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema perjodu kien umbaghad gie estiz b’sentejn ohra b’sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta’ Dicembru 1997.

Qieset ukoll li f’dan il-kaz il-parametri tal-piena,  bi qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza, huma dawk stabiliti taht l-Artikolu 22(2)(a)(i) u l-proviso (aa) u (bb) tal-Kap 101 u li m’ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni l-emenda introdotta bl-Artikolu 492(1) tal-Kodici Kriminali.

Ezaminat is-sentenzi li ghamlet riferenza ghalihom id-difiza w tosserva li fil-kaz ta’ Ortiz tas-6 ta’ Jannar, 2003 minkejja l-kwantita’ sostanzjali w  t-tip ta’ droga,  si trattava ta’ persuna incensurata u mhux recidivi ghal diversi drabi bhal ma huma l-hatja."

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat Fabian Galea pprezenta rikors ta' appell fis-7 ta' Marzu 2003 li bih talab

li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-akkuzi dedotti u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena, filwaqt li Michael Zahra wkoll pprezenta rikors ta' appell fis-7 ta' Marzu 2003 li bih talab li din il-Qorti tikkonfema s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-akkuza dedotta kontra tieghu fl-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tas-6 ta' Mejju 2004 fejn id-difiza u l-prosekuzzjoni qablu li f'dan il-kaz tista' tinghata sentenza wahda li tkun tinkludi z-zewg appelli;

Ikkunsidrat:

Dan huwa kaz fejn l-appellanti ammettew quddiem l-ewwel Qorti l-akkuzi dedotti kontra taghhom, f'liema ammissjoni huma ppersistew anke wara li gew mwissija b'mod l-aktar solenni minn dik il-Qorti, kif titlob il-ligi, dwar il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni taghhom.

Kif din il-Qorti kellha okkazjoni tosserva fis-sentenza taghha ta' l-4 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Serag F. H. Ben Abid**, *"fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali, pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."*

Fir-rikorsi ta' appell taghhom l-appellanti qeghdin jilmentaw li l-piena nflitta kienet wahda eccessiva. Jiddikjaraw li quddiem l-ewwel Qorti huma ma ghazlux li jibbenefikaw mir-riduzzjonijiet fil-piena kontemplati fl-artikolu 29 tal-Kap 101 izda li issa huma lesti joffru d-deposizzjoni taghhom sabiex jizvelaw is-sors minn fejn ngiebet iz-zerriegha li sussegwentement giet ikkoltivata, kif ukoll li huma bi hsiebhom jaghmlu d-dikjarazzjoni opportuna a tenur ta' l-artikolu 30A ta' l-istess Kap 101. Konsegwentement, jekk din il-Qorti tkun soddisfatta li jezistu r-rekwiziti ghall-applikabilità ta' l-artikolu 29 tal-Kap 101, ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Skond l-artikolu 29 tal-Kap 101, persuna li tinsab hatja ta' reat bhal dak li tieghu nstabu hatja l-appellanti, tista' tibbenefika minn tnaqqis fil-piena jekk il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li l-persuna hatja tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha d-droga, jew jekk l-istess persuna tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija.

Fil-kors ta' dan l-appell l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghamel verifiki fir-rigward ta' l-applikabilita` o meno ta' l-artikolu 29 tal-Kap 101 u fis-seduta tat-22 ta' April 2004 iddikjara li m'ghandu l-ebda informazzjoni min-naha tal-pulizija ezekuttiva li xi hadd mill-appellanti ghen lill-pulizija biex jinqabad min kien ghaddielhom id-droga.

Apparti hekk, din il-Qorti tosserva li l-appellanti kellhom kull opportunita` li jaghtu d-deposizzjoni taghhom quddiem l-ewwel Qorti, haga li ghal ragunijiet maghrufin lilhom biss ghazlu li ma jaghmlux, kif ukoll sahansitra li jitolbu li jaghtu d-deposizzjoni taghhom quddiem magistrat inkwirenti, haga li ma jirrizultalhiex li qatt ghamlu. Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ragonevoli li tiggustifika dan in-nuqqas ta' l-appellanti u wisq anqas, ghalhekk, xi prova sodisfacenti li huma b'xi mod ghenu lill-Pulizija *"biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni"* li pprovdewlhom id-droga. Ma jistax ma jigix osservat ukoll li mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tikkonduci investigazzjonijiet. Inoltre s-smiegh ta' xhieda

minnha huwa cirkoskritt mill-parametri ta' l-artikoli 506 u 507 tal-Kodici Kriminali li, fil-fehma taghha, mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern.

Konsegwentement m'hemmx lok ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap 101.

L-appellanti jilmentaw ukoll li l-piena hija eccessiva meta jitqies li l-kwantita` ta' xtieli kienet minima u ma rrizultax mill-atti li l-ikkoltivar sar bi skop ta' kummerc/bejgh/traffikar ta' l-istess droga.

Mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti jirrizulta li l-kwantita` ta' xtieli ttiehdet in konsiderazzjoni minnha, bhalma hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li meta gew arrestati fuq il-post fejn kienet qed issir il-kultivazzjoni huma qalu li d-droga kienet ghall-konsum taghhom personali. Ghalhekk mhuwiex il-kaz li din il-Qorti tikkunsidra mill-gdid dawn il-punti. Tosserva pero` li skond il-ligi taghna l-koltivazzjoni hija ekwiparata mat-traffikar. Difatti s-subartikolu (1B) ta' l-artikolu 22 tal-Kap 101 jipprovdi li *"l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u l-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni …"*, u l-piena hija l-istess. Inoltre, ghalkemm meta gew arrestati qalu li dawk il-pjanti kienu ghall-konsum personali taghhom, jirrizulta li sussegwentement meta ghamlu l-istatements taghhom innegaw li kellhom x'jaqsmu ma' dawk l-istess pjanti u marru fir-razzett ghal skopijiet ohra; u ma tirrizulta l-ebda prova li tissostanzja l-ewwel dikjarazzjoni taghhom. Ghalhekk dan l-ilment huwa infondat.

Fir-rigward ta' l-appellant Michael Zahra, dan ighid ukoll li r-reat kien jirrisali ghal madwar erba' snin qabel u nel frattemp huwa gie reintegrat b'mod shih fis-socjeta` tant li kellu impjieg fiss u gie kompletament rijabilitat mill-vizzju tad-droga. Dan il-fattur gie kkunsidrat ukoll mill-ewwel Qorti u din il-Qorti, wara li ezaminat ix-xiehda li kien ta Fr. Hilary Tagliaferro quddiem l-ewwel Qorti, wara li qieset li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu li seta' jigi kkunsidrat kemm favur kif ukoll kontra l-appellant Michael Zahra, u wara li qieset li l-piena hi ferm ‘il boghod mill-

massimu stabbilit mil-ligi, ma ssib l-ebda raguni biex tirrikonsidra l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti.

L-appellant Fabian Galea jghid ukoll fir-rikors ta' appell tieghu li fir-rigward tat-tieni kap ta' l-att ta' akkuza, l-artikolu 23 tal-Kap 66 ma kienx applikabbli. Effettivament huwa l-artikolu 25 li huwa applikabbli u m'hemmx dubju li fis-sentenza appellata gie citat l-artikolu 23 minhabba biss *lapsus calami*. Fil-fatt l-aggravju ta' l-appellant Fabian Galea jirrigwarda l-fatt li huwa nghata sitt xhur prigunerija aktar minn Michael Zahra, li dan sar peress li huwa kellu zewg akkuzi dedotti kontra tieghu u li, in vista tal-piena stabbilita fl-imsemmi artikolu 25 tal-Kap 66, anke bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, il-perijodu ta' sitt xhur prigunerija ghat-tieni akkuza huwa eccessiv u mhux konformi mal-ligi.

Fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li l-appellant Fabian Galea hawn ghandu ragun. Il-piena stabbilita bl-artikolu 25 tal-Kap 66 u applikabbli ghal dan il-kaz hi ta' multa ta' mhux anqas minn Lm50 izda mhux izjed minn Lm200 jew prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tliet xhur izda mhux izjed minn sitt xhur. Il-piena massima ta' prigunerija bl-addebitu tar-recidiva tizdied bi grad ghal disa' xhur. Jekk il-piena dwar l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza li nghatat lill-appellant l-iehor Michael Zahra kienet ta' disa' snin prigunerija (inkluz l-addebitu tar-recidiva), m'hemm l-ebda raguni ghaliex il-piena fil-konfront ta' l-appellant Fabian Galea fir-rigward ta' l-ewwel kap m'ghandux ikun ta' disa' snin prigunerija (inkluz l-addebitu tar-recidiva - u dan meta jirrizulta li l-kondotta ta' Michael Zahra kienet aktar refrattarja). Skond l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, *"persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed, li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta` persunali, tigi ikkundannata ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien …"*. Terz ta' disa' xhur ghat-tieni kap huwa tliet xhur u nofs id-disa' xhur huwa erba' xhur u nofs. Ghalhekk il-perijodu ta' sitt xhur kien in eccess ta' dak stabbilit u din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tonqos ghal tliet xhur biex b'hekk il-piena komplessiva li ghandha

tinghata lil Fabian Galea ghandha tkun ta' disa' snin u tliet xhur.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddisponi mill-appell ta' l-appellant Michael Zahra billi tichad dan l-appell u billi tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront tieghu fl-intier.

Tiddisponi mill-appell ta' l-appellant Fabian Galea billi thassar u tirrevoka s-sentenza biss in kwantu kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien disa' snin u sitt xhur bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz u minflok tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien disa' snin u tliet xhur bit-tnaqqis taz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz; tikkonferma l-istess sentenza fil-kumplament taghha fir-rigward tal-imsemmi Galea.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------